KUNSILL LOKALI SANTA VENERA
Triq il-Kbira San Ġużepp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
E-Mail: santavenera.lc@gov.mt
Web page: http://www.stvenera.gov.mt

**15/18**

**Minuti tal-ħmistax il-laqgħa (it-tkomplija tal-tlettax il-laqgħa li bdiet fi1-21 ta' Novembru, 2011) tat-tmintax-il sena tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera li saret nhar l-Erbgħa 30 ta' Novembru, 2011, fil-bini amministrattiv tal-Kunsill fil-Kumpless Umberto Colosso, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera**

**Preżenti:**

Sur Horace J. Anastasi – Sindku
Sur Carmel Camilleri - Kunsillier
Sur Stephen Sultana – Kunsillier
Sue Cleaven Christian Bugeja – Kunsillier
Sur Edwin Formosa - Kunsillier

Joseph M. Formosa – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Assenti:**

Sur Ronald Briffa – Viċi Sindku
Sinj. Mariella Micallef – Kunsilliera

**Attendiet ukoll waqt l-ewwel parti tal-laqgħa s-Sinjura Romina Perici Ferrante**

**Aġenda:**

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti - Il-minuti tal-laqgħat 6/18 (29.8.2011), 7/18 (29.8.2011), 8/18 (27.9.2011), 9/18 (27.9.2011), 10/18 (27.9.2011) ġew approvati.

2. Punti mqajma mill-Minuti - Din it-tema hija eżawrita.

3. Komunikazzjoni mis-Sindku - Sindku in possession.

4. Progress PPP - 5 toroq - Msida
   Misraħ il-Barrieri
   Braille
   Misraħ Santa Venera
   Lunzjata

5. Skeda Pagamenti
   Skeda Petty Cash
   Skeda Rċevuti

6. Financial Statements Lulju sa Settembru 2011

7. Aġġornament

**Talba**

Il-laqgħa bdiet fis-6.05pm wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri preżenti.

Mal-ftuħ tal-laqgħa l-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi s-Sinjura Mariella Micallef kienet infurmat li ma setgħetx tiġi għall-laqgħa peress li kienet ma tiflaħx. Il-Kunsill qabel li din kienet skuża ġusta u għalhekk għall kull fini ta attendenza għandha tiġi skużata u b'hekk ma tonqos l-onorarja.

**1. Komunikazjoni mis-Sindku**

**Proġett**

Is-Sindku qal li kien ikonsulta mal-Perit tal-Kunsill u sar qbil li flok il-Misraħ kollu jkollu xogħol pedonali jsir it-tisbiħ tiegħu u, parti minnha biss tkun pedonali.

**PPP fuq 5 toroq:**

Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva l-approvazjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali permess ta' ittra (kopja tagħha ingħatat lill-kull Kunsillier) sabiex il-pagament isir fuq firxa ta 4 snin.

Saret diskusjoni dwar l-effett ta dan il-proġett fuq il-finanzi tal-Kunsill.

Is-Sur Carmel Camilleri qal li ma setax jifhem kif l-WSC timponi fuq il-Kunsill li jħallas aktar minn €75,000 għall xogħol li l-Kunsill seta jgħaddi mingħajru.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega dwar kif waqt il-laqgħat mal-*istakeholders* l-WSC talbet u insistiet dwar dawn ix-xogħlijiet u l-ħlas tagħhom mill-Kunsill u s-Sindku ikkonferma li l-Kunsill ma setax jaħrab minn din l-ispiża addizzjonali fil-proġett iżda kompla jipprova jimmitiga din l-ispiża sabiex kemm jista ikun, filwaqt li jsir proġett ta' fejda għar-residenti ta Santa Venera, ma jkunx hemm effett ħażin fuq il-finanzi tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel li jiġi iffirmat l-kuntratt tal-PPP ma Central Asphalt Limited skond it-tender diġa approvat iżda bit-terminu ta pagamenti imnaqqas għall erba snin kif approvat mid-Direttur tal-Gvern Lokali kif diġa msemmi f'dawn il-minuti.

F'dan l-istadju saret sospenzjoni ta l-Agenda sabiex l-accountant tal-Kunsill tagħti spjegazjoni dwar il-financial statements għall perjodu ta Ġunju u Settembru, 2011.

**Financial Statements għall perjodu ta Ġunju – Settembru, 2011**

**Spiża fuq id-dawl**

L-accountant qalet li għalkemm fil-baġit tal-Kunsill din kienet stamata li tlaħħaq għal €5600 kien diġa' sar infieq ta' €10,600 u, wara aktar diskussjoni dwar din il-figura irriżulta li ż-żieda kienet dovuta minħabba nefqa dwar dawl ġdid fi Ġnien Romeo Romano.

**Ammont ta' flus imnaqqsa – Latrina -**

L-accountant ġibdet l-attenzjoni li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien naqqas s-somma ta €2793 peress li din kienet ingħalqet għal xi żmien.

Il-Kunsill qabel li dan it-tnaqqis ma kienx ġustifikat peress li dan l-għeluq kien dwar każ serju ta' konsum esaġerat tal-ilma u dwar manutenzjoni u tisbiħ li kienu meħtieġa u rriżulta li kien hemm tbagħbis fit-Tank tal-Ilma tal-Latrina li jinsab fuq il-Bejt tal-Klabb tal-Boċċi.

Fiċ-ċirkostanzi l-Kunsill iddeċieda li jinsisti mad-DLG sabiex dawn il-fondi jingħataw lura.

**Xogħol fuq bankini ta żewġ naħat ta Triq San Ġużepp waħda sa qabel ir-residenza tas-Sur Michael Caruana u l-oħra sal-ħanut tal-Pizza …..**

Is-Sur Stephen Sultana ġibed l-attenzjoni li għalkem din kienet indikata fin-noti ta' l-estimi tal-Kunsill għas-sena 2011 ma kienx sar ebda progress dwar dan.

Saret diskusjoni dwar il-proġett għalkem imsemmi fl-estimi għas-sena 2011 ma kienx hemm fondi allokati għalih.

Il-Kunsill iddeċieda illi l-perit tal-Kunsill jingħata l-inkarigu sabiex jagħmel dawn l-estimi u dan iservi bħala preparazjoni għall Budget tas-Sena 2012.

**Proġett ta PPP**

Is-Sur Stephen Sultana talab lill accountant tagħti tagħrif ta' kif din in-nefqa sejra ikollha effett fuq il-*cash flow* tal-Kunsill u dwar ir-riskju li peress li dan sejjer jitħallas fuq perjodu ta erba snin flok 9 snin jista jagħti l-każ li l-Kunsill preżenti jkun qed jorbot u joħnoq il-progress ta Kunsilli li jiġu wara.

L-accountant spjegat li jekk in-nefqa tal-Kunsill tibqa' fuq l-istess bażi u l-ispejjeż rikorrenti tal-Kunsill ma jiżdidux li u peress li l-proġett tal-PPP iddawwar milli jibda u peress li l-Kunsill diġa rċieva l-ewwel fondi dwar dan u għalhekk il-Kunsill għandu riserva finanzjarja fil-qagħda tal-finanzi tiegħu, ftit li xejn hemm riskju li dan il-proġett meta jitwettaq u allura jibda jsir il-pagament tiegħu ikollu impatt ħażin fuq il-qagħda tal-Kunsill anke meta jitħallas fuq perjodu ta' erba snin.

L-accountant qalet li dan diġa ġiet ikkomunikat lill Kunsill u hija qablet li terġa tibgħat l-email sabiex tiġi mqassma għand kull Kunsillier.

Dawn il-Financial Statements għat-tiet xhur bejn Ġunju u Settembru, 2011 ġew approvati iżda, s-Sur Stephen Sultana qal li kien qed jastjeni.

F'dan l-istadju s-Sinjorina Romina Perici Ferrante ħarġet mill-laqgħa u l-Kunsill qabel li s-Sindku jkompli bil-kommunikazjonijiet tiegħu lill-Kunsill.

**Kommunikazjoni mis-Sindku**

**Ground ta' Santa Venera Lightnings**

Is-Sindku qal li kien sorpriż meta sema' fil-midja dwar dan il-proġett li kien sejjer jitwettaq u li kien sejjer jiswa madwar €3m.

Is-Sindku qal li kien kiteb lill Mepa dwar kif il-Kunsill ta' Santa Venera ma kienx irċieva l-ebda kommunikat kif skond il-policy tal-MEPA meta jkun hemm kull proġett.

Il-MEPA irrispondiet li dan il-proġett ma kienx sejjer jitwettaq fil-konfini ta' Santa Venera u għalhekk il-Kunsill ta' Santa Venera ma kienx irċieva notifika.

Saret diskusjoni u, ġie deċiż illi l-Kunsill jikteb lill PM dwar li ma ġiex konsultat għalkemm dan il-proġett sejjer ikollu impatt fuq ir-residenti ta' Santa Venera speċjalment dawk li joqgħodu f'dawn l-inħawi u li fil-fehma tal-Kunsill seta' faċilment instab post alternattiv.

**Xogħol ta' volontarjat mal-Kunsill**

Is-Sindku informa lill-Kunsill illi ż-żagħżugħ student Gilbert Scicluna talab li jagħmel xogħol ta' volontarjat mal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel li dan iż-żagħżugħ ikun jista' igħin f'xogħol ta' ammnistrazjoni ta' rutina u taħt sorveljanza meħtieġa.

**Barumbara – Qrib l-istabbiliment Cutrico fi Triq il-Ferrovija**

Is-Sindku qal li l-Kunsill kien f'kuntatt ma' Heritage Malta, kif ukoll qed jagħmel riċerka mad-Dipartiment tal-artijiet sabiex ikun jista' jieħu deċizjoni dwar il-konservazjoni ta' din il-proprjeta'.

**Żbir ta siġar**

Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ta' Direct Order lill-Għaqda tan-nar li tiswa €1160 sabiex isir żbir ta' siġar ġewwa Santa Venera u dan peress li għandhom apparat meħtieġ u l-Kunsill iffranka l-flus.

**Jum it-Tifkira**

Is-Sindku spjega illi l-Kappillan kien infurmah li l-Ħadd 13 ta Novembru 2011 kienet sejra ikun hemm quddiesa li kienet sejra tidher fuq it-TV u li din kienet sejra tkun aktar aħjar għall-Kunsill flok il-quddiesa li kien qed jipprepara għall 14 ta Novembru 2011. Barra minn hekk il-Kappillan ma setax jakkomoda l-Kunsill għall 14 ta Novembru 2011.

Is-Sindku qal li għamel dak li seta sabiex jinforma lill-kulħadd.

Is-Sindku qal li l-iskrivan tal-Kunsill Lino Busuttil kien ċempel lil Kunsillier Edwin Formosa s-Sibt fil-għodu sabiex jinforma lill-Kazin Laburista dwar id-data u l-ħin tal-Quddiesa.

Fil-frattemp, il-Kunsillier Sur Stephen Sultana kien informa lis-Sindku permess ta' e mail li ma kienx sejjer jattendi għax mhux etika kif kien ġie ittrattat dwar din l-okkazjoni.

Is-Sindku qal li għal din il-Quddiesa kien hemm preżenti huwa kif ukoll il-Kunsilliera Mariella Micallef, Rappreżentant tal-PN, rappreżentanti tal-Festi Esterni kif ukoll rappreżentanti tan-nar.

F'dan l-istadju s-Sur Stephen Sultana wieġeb li l-kazin tal-Partit Laburista ma kienx mistieden u dan jista joħloq riperkusjonijiet ħżiena.

Is-Sindku sostna lill-Kunsillier Edwin Formosa kellu jinforma lil Stephen Sultana bħala President tal-PL biex jattendi. Fil-fatt is-Sur Edwin Formosa qal li lil-Stephen Sultana kien infurmah.

**Stedina għaċ-Ċerimonja ta' Kristu Re fil-Knisja Parrokjali ta' Santa Venera fl-20.11.2011**

Is-Sindku spjega dwar dak li ġara u dwar kif kien ħadem mas-Sinj. Aquilina sabiex jassigura li jinforma lil kull Kunsillier sabiex jattendi għal dina ċeremonja speċjali.

Is-Sindku qal li s-Sinj. Aquilina kienet ikkonfermat li għamlet dak li talab is-Sindku dwar din il-komunikazjoni.

Is-Sindku qal li fl-20 ta Novembru 2011, meta attenda għal din iċ-ċelebrazzjoni sab lill-Kunsillier Stephen Sultana u Sinjur ieħor fl-ewwel bank.

Stephen Sultana stqarr miegħu li lanqas ħadd ma infurmah dwar dina ċ-ċeremonja. Is-Sindku qal ukoll illi sab is-Sur Edwin Formosa fit-tieni bank mas-Sinjura tiegħu.

Is-Sindku qal li għalih din kienet sitwazjoni imbarazzamenti u talab lis-Sinj. Aquilina sabiex tipprovdilu l-ittri li mmeljat lill-Kunsillieri dwar dina l-istedina u lil min infurmat verbalment dwar dak li seta ġara. Fil-fatt, irriżulta li kollha kienu infurmati.

**Ġieħ Santa Venera**

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-Ġieħ Santa Venera sejjer jiġi mogħti nhar it 2 ta Diċembru, 2011.

Dan sejjer jiġi ċelebrat permess ta' Quddiesa fis-6.30pm fil-Kappella ta' San Ġużepp u wara għal xi 7pm jkun hemm riċeviment fis-sala fl-istess kumpless.

Il-Greenfields sejrin jipprovdu divertiment bil-kant u mużika għall-okkażjoni.

Is-Sindku qal li xi 160 persuna kienu mistiedna.

Is-Sur Stephen Sultana qal li jħoss li ma sarx sewwa li ma ġewx mistiedna l-ex Kunsillieri meta jidher li ġew mistiedna xi nies li mhux konnessi fil-ħidma mal-Kunsill.

Is-Sindku wieġeb li l-mistednin huma kollha konnessi b'mod jew ieħor fil-ħidma tal-Kunsill u l-inviti ġew limitati minħabba lill-baġit għal din iċ-ċerimonja kien li kien.

**Laqgħa msejħa b'urġenza**

Is-Sindku qal li fuq talba tal-Kunsillieri kien qed jipproponi, illi peress li ma kienx hemm kworum u għalhekk din il-laqgħa ma saritx, għall kull buon fini dwar l-attendenza din il-laqgħa hija bla effett u mhux se tiġi konsiderata dwar l-onorarja.

**L-iskrivana Maria Aquilina**

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-aħħar ġurnata tax-xogħol tas-Sinjorina Aquilina mal-Kunsill ta Santa Venera hija dik tal-21 ta Diċembru, 2011 u kull pagament u bonus għandu jitħallas lis-Sinjorina Aquilina sa din id-data.

**= Skeda ta Pagamenti = 10 ta Awissu 2011 sa 21 ta Novembru, 2011 Skeda Nru 277**

Il-Kunsillieri Stephen Sultana, Cleaven Bugeja u Edwin Formosa stqarrew li ma jaqblux dwar kif inħadmet l-attendenza u l-onorarja relattiva tagħhom u kienu qed jesiġu li għandhom bi dritt jingħataw ammont dovut għaliex it-tnaqqis mhux ġustifikat.

Il-Kunsillier Carmel Camilleri qal li ma setgħax ifhem ir-raġuni għaliex l-Aġent Segretarju Eżekuttiv naqqas is-sigħat kif konfermati minnu għax-xhur ta Lulju, u Awissu 2011 u wera d-dubju tiegħu dwar is-sigħat mitluba għax-xahar ta' Settembru u Ottubru, 2011.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega illi huwa kien naqqas dawn is-sigħat għax-xhur ta Lulju u Awissu 2011 bħala sens ta' rieda tajba peress li s-Sindku kien infurmah illi dawn is-sigħat kienet oriġinarjament tatgħomlu s-Sinj Aquilina u huwa (Sindku) kien anke lest li joħroġ id-differenza iżda xtaq iżomm il-punt. Is-Sindku irribatta bil-qawwa dina l-insinwazzjoni.

F'dan l-istadju l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ħalla l-kamra għal ftit ħin sabiex il-Kunsillieri jkunu jistgħu jiddiskutu s-sigħat tiegħu.

Reġa lura ftit minuti wara u wara lis-Sindku tah spjegazzjoni ta' kemm ħadem huwa stqarr li kien se jaċċetta s-sigħat indikati mill-Kunsill.

**Aġġornament**

Peress li kien sar il-ħin il-laqgħa għalqet fid-9.05pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis, 15 ta Diċembru, 2011 sabiex tkompli fuq l-aġenda li diġa ġiet iċċirkulata.

| | |
|---|---|
| Louise Gusman | Horace J. Anastasi |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | Sindku |